MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2015

Numru. 248/2013

**Il-Pulizija**

**[Spettur Tony Cachia]**

**[Spt Sarah Magri]**

**vs**

**Josef Buttigieg**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Josef Buttigieg detentur tal-karta tal-identita` numru 133680(M).

Akkuzat talli:

1. Nhar is-16 t'Ottubru 2012, ghall-hin ta' bejn is-sitta w nofs ta' filghaxija u t-tmienja ta' filghodu minn go residenza numru 1 Lorana Triq id-Dragunara San Giljan ikkommetta sereq ta' diversi oggetti, fosthom gojjellerija liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta' Joseph Manduca u Emanuela Maria Manduca u/jew ta' xi perusna/i u/jew xi entita` u/jew entitajiet ohra u aktar,

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu u li kieku gie esegwiet kien ikun reat ta' serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-valur minn go residenza numru 2, Triq id-Dragunara, San Giljan li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centenzmu (€2329.37) ghad-dannu ta' Giovanni Dingli, u/jew ta' xi persuna/i u/jew xi entita` u/jew entitajiet ohra u aktar,

3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cjoe` fuq il-bieb ta' barra tal-imsemmija residenza liema hsara ma tiskorrix il-mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghad-dannu ta' Giovanni Dingli, u/jew ta' xi persuna/i u/jew xi entita` u/jew entitajiet ohra u aktar,

4. Talli nhar is-7 ta' Jannar 2013, ghall-hin ta' bejn it-tmienja w nofs ta' filghodu u l-ghaxra ta' filghodu minn go residenza bl-isem ta' Conjohn ta' Landrijiet Rabat ikkommetta serq ta' diversi oggetti, fosthom gojjellerija u flus kontanti liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha

u tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta’ Giovanni Camilleri u/jew ta’ xi persuna/i u/jew xi entita` u/jew entitajiet ohra.

5. Kif ukoll talli sar recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f’kaz ta’ htija titratta lill-imputat Josef Buttigieg li kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta` provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dott. Tonio Micallef Trigona LL.D. nhar is-sebgha (7) ta’ Novembru elfejn u tnax (2012) billi waqt li kien mehlus mill-arrest ikkommetta delitt li mhux wiehed ta’ natura involontarja.

Rat ukoll it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f’kaz ta’ htija tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Josef Buttigieg u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta’ hamest elef ewro (€5000) li nghata fl-istess digriet bhala garanzija personali impostha mill-istess Qorti jghaddu favur il-Gvern ta’ Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ukoll it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih.

Rat in-nota ta' rinviju tal-Avukat Generali datat tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar elfejn u erbatax (2014) fejn huwa hass li ghandha tinstab htija taht is-segwenti Artikoli tal-ligi:

a. fl-artikoli 261(b)(c)(e), 263, 267, 269, 278(1)(2)(3), 279(b) u 280 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-artikoli 41 (1)(a), 261 (b)(c)(e), 263, 267, 269, 278 (1)(2)(3), 279(b) u 280 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-artikoli 325 (1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. Fl-artikoli 261 (b)(c)(e), 263, 267, 269, 278 (1)(2)(3), 279 (b) u 280 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. Fl-artikoli 49, 50 u 579 (1)(2)(3) tal-Kapitoku 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. Fl-Artikoli 17, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet il-provi kollha prodotti.

Rat il-verbal ta' din il-Qorti datat tnejn u ghoxrin (22) ta' Gunju elfejn u hmistax (2015) fejn l-imputat irregistra ammissjoni fejn huwa ammetta l-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u kkonferma tali ammissjoni anke' wara li nghata zmien opportun sabiex jirregola ruhhu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 31, 41(1)(a), 49, 50, 261(b)(c)(e), 263, 267, 269, 278(1)(2)(3), 279(b), 280(2), 325(1)(c) 533 u 579(1)(2)(3) qed issib lill-imputat **Josef Butigieg** hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u tikkundannah ghal tmintax (18) il-xahar prigunerija effettivi.

Il-Qorti tordna wkoll wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 sabiex l-imputat ihallas is-somma ta' elfejn, mija u erba' u hamsin Euro u sittin centezmu (EUR 2,154.60) bhala spejjez peritali taz-zewg inkjesti magisterjali rigwardanti dawn il-proceduri.

Finalment il-Qorti tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur tal-Qorti Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------